**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Marzu, 2001

**Numru 21**

**Avviz. numru 725/00JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmelo Vella Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Mejju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm158.41) dovuti lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat li kkagunat is-socjeta` konvenuta fuq "cables" appartenenti lis-socjeta` attrici fi Triq Il-Mithna, Mellieha, fit-18 ta' Marzu, 1999 (skond ma jirrizulta mid-Dolument A);**

**Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' l-incident.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-4 ta' Lulju, 2000, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta` konvenuta mghandiex tbati hi r-responsabilita` tal-hsarat, gja la darba hi mxiet fuq l-istruzzjonijiet kollha tas-socjeta` attrici;**
**Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, illi l-ammont reklamat huwa wiehed esagerat;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Darmanin, Leo Stivala, Ronald Silvio, Victor Busuttil, Ray Cachia, u Anthony Cauchi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Is-socjeta` attrici qed tfittex lis-socjeta` konvenuta ghad-danni kagunati f'cables fi Triq Il-Mithna, Mellieha, fit-18 ta' Marzu, 1999, waqt li s-socjeta` konvenuta kienet qed tesegwixxi xogholijiet f'dik it-triq.**

2. Jirrizulta skond ma xehed Victor Busuttil, senior technician fis-sezzjoni ta' l-"overseers" tas-socjeta` attrici, li s-socjeta` attrici baghtet in-nies taghha jimmarkaw fejn hemm "cables". Il-"cable" in kwistjoni kien gewwa "pipe" jaqsam it-triq. Kien hemm il-konkos fuq il-pipe, u kien hemm ukoll "warning tape" biex jindika li hemm il-"cable". Dan il-"cable" kien pied u nofs fil-fond. Dana jirrizulta mid-deposizzjoni ukoll ta' Ronald Silvio, technician mal-Maltacom. Jirrizulta li hemm l-obbligu da parti tal-kuntrattur li jaghmel "pilot holes" qabel ma jhaffer trinka. Skond ix-xhud Victor Busutiil f'dan il-kaz ma kienux saru "pilot holes". Jirrizulta li l-permessi relativi sabiex isiru x-xogholijiet kienu hargu.

3. Skond ix-xhud Paul Darmanin, hu personalment kien immarka fejn kien hemm il-"cables", u l-hsara saret proprju fejn kien immarka hu.

4. Anthony Cauchi, direttur tas-socjeta` konvenuta, jghid li l-"cable" kien biss tmien pulzieri taht l-art. Dana ikkonferma li x-xoghol sar skond il-pjanta u l-permess. Qal ukoll li l-Maltacom jindikaw fejn hemm il-"cable" pero` ma jindikawx il-fond. Skond ix-xhud isiru "pilot holes' ukoll.

5. **Minn valutazzjoni tal-fatti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kellha l-permessi in regola. Jirrizulta ukoll li s-socjeta` attrici kienet hadet dawk il-mizuri soliti sabiex tindika fejn hemm il-"cables". Jirrizulta li waqt li qed isiru x-xogholijiet gie milqut il-cable.**

6. **Dwar il-punt ta' kemm kien fil-fond il-"cable", ma jirrizultax li dana kien fil-wicc jew li ma kienx mghotti bil-konkos. Jista' jaghti l-kaz li ma kienx hafna fil-fond. Pero` fi kwalunkwe kaz min kien qed jahdem fuq il-post kellu indikat li kien hemm "cable" hemm, u ghalhekk messu uza aktar diligenza waqt li qed ihaffer.**

7. **Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghad-danni.**

8. **Dwar li d-danni huma esagerati, jirrizulta li hadmu tlett minn nies biex irrangaw il-"cable" danneggjat, u dana skond ma jirrizulta mid-Dok.A esebit. Ma hemmx raguni l-ghala wiehed mghandux jaccetta dana l-ammont bhala korrett.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm158.41) ghad-danni kagunati kif fuq inghad, bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**